MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Numru 29/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**JAMES ZAMMIT**

**Illum 27 ta' Jannar, 2004**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom James Zammit, iben Carmel u Connie nee` Azzopardi imwieled Victoria Ghawdex fit-3 ta' Lulju 1976 detentur ta' karta ta' l-Identita` nru 19176G u joqghod 'Durie' Triq is-7 ta' Gunju Rabat Ghawdex gie akkuzat:

Talli fit-2 ta' Novembru 2003 u fix-xhur ta' qabel din id-data respettivament, waqt li kien f'impjieg jew kariga bhala Sales and Marketing Officer mal-European Hilidays fi Triq Anton Butigieg, Zejtun, approprja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat (Sec 293 chpt 9), meta dan gie maghmul fuq haga fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni kariga jeww servizz tieghu, jew minhabba depositu necessarju (sec 294 Chpt 9).

Ukoll talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u publiku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat b'falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem billi holoq pattijiet, dispoizzjonijiet jew obligi foloz jew helsien falz minn obligi, ukoll billi zied jew biddel klawsoli dikjarazzjonijiet jew fatti illi dawk l-atti jew skrittura kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw (Sec 183 Chpt9), meta l-ammont ta' hsara maghmula minnu huwa aktar minn elf lira.(sec310(a).

Ukoll talli li d-diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u li dawn l-atti ghalekk jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat (Sec 18 Chpt 9).

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. JA2 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu

jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta ta' llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Innutat ukoll li x-xhud Alfred Spiteri ddikjara fid-deposizzjoni tieghu moghtija llum li l-imputat James Zammit lilu hallsu dak kollu dovut rigwardanti dan il-kaz u da parti tieghu ma ghandu l-ebda pretensjonijiet ohra rigwardanti l-imputat dwar dan il-kaz u li min naha tieghu qal li jahfirlu kollox.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 18, 183, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat James Zammit, fuq ammissjoni, hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali netta tal-imputat, li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u dak li xehed Alfred Spiteri fis-Seduta ta' llum u li saret referenza ghalih aktar qabel f'din is-Sentenza u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat James Zammit ghall-piena komplessiva ta' sentejn prigunerija u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija m'ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' tliet (3) snin millum l-imputat James Zammit jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat James Zammit l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikoli 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------